# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SEDE SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Mejju 2000**

**Citazzjoni numru 83/00MM**

**Marion Ruth Satchell**

**-vs-**

**Peter Paul Angelo Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' Mejju 2000 fejn wara li ppremettiet illi hi ta' nazzjonalita' Ingliza hija omm il-minuri Holly Francesca Camilleri Satchell li twieldet f'Trafford, l-Ingilterra fl-14 ta' Settembru 1993 (kopja tac-certifikat tat-twelid tal-minuri hija hawn annessa bhala Dokument A).

U illi l-imsemmija minuri twieldet minn relazzjoni illi l-attrici kellha mal-konvenut Peter Paul Angelo Camilleri, li hu ta' nazzjonalita' Ingliza;

U illi l-kontendnenti m'humiex mizzewwgin u jghixu separatament;

U illi l-imsemmija minuri tirrisjedi abitwalment gewwa l-Ingilterra flimkien ma' ommha l-attrici gewwa Birmingham;

U illi fid-19 ta' April 2000 l-attrici ipprezentat proceduri fil-Qrati Inglizi ghall-hrug ta' residence order fir-rigward ta' l-imsemmmija minuri;

U illi fi-t18 ta' April 2000 il-konvenut talab kuntatt mal-minuri gewwa l-Ingilterra u mar ghall-imsemmija minuri fl-20 ta' April 2000 that il-kundizzjoni li kellu jirritornaha lill-attrici fit-23 ta' April 2000.

U illi fit-22 ta' April 2000 il-konvenut talab lill-attrici sabiex jesteni l-kuntatt mal-minuri sal-25 ta' April 2000 u dana peress illi kien sejjer jehdoha Blackpool, l-Ingilterra u l-attrici accettat bil-kundizzjoni illi l-minuri kellha tigi ritornata kmieni fil-25 ta' April 2000;

U peressilli fil-25 ta' April 2000 il-konvenut cempel lilla-ttrici u informaha li kien qi4eghed gewwa Ghawdex flimiien mal-minuri.

U peress illi rrizulta illi l-konvenut ghamel talba fl-Ingilterra ghall-passaport Ingliz ghall-minuri ad insaputa ta' l-attrici u minghajr il-kunsens taghha;

U peress illi rrizulta ukoll illi l-konvenut ghamel dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni tieghu ghall-passaport ghall-minuri billi didikjara illi hu kien mizzewweg lill-attrici (kopja ta' l-applikazzjoni ghall-passaport hija hawn annessa bhala dokument B0;

U peress illi fit-28 ta' April 2000 fuq talba ta' l-attrici l-High Court of Justice Family Division Principal Registery ordnat illi t-tnehhija tal-minuri Holly Francesca Camilleri Satchell bejn it-23 ta' April u l-25 ta' April 2000 mill-gurisdizzjoni ta' l-Ingilterra u ta' Wales kienet illegali skond l-artikoli 1 u 12 tal-European Convention on Recognition and Enforcement of Decisions Concerning Custody of Children and on Restoration of Custody of Children 1980 (kopja ta' l-ordni hija hawn annessa u markata Dokument C);

U peress illi fit-28 ta' April 2000 il-High Court of Justice Family Division Principal Registry approvat it-talba maghmula mill-attrici ghall-hrug ta' residence order fir-rigward ta' l-imsemmija minuri u ordnat inter alia lill-konvenut sabiex jirritorna minnufih il-minuri ghall-gurisdizzjoni ta' l-Ingilterra u Wales (kopja ta' l-ordni hija hwan annessa bhala Dokument D);

U peress illi minkejja dawn l-ordnijiet il-konvenut baqa' jzomm l-imsemmija minuri f'dawn il-gzejjer klandestinament, vjolentament u abbusivament;

U peress illi din is-sentenza hija moghtija minn Qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta u tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-ligi sabiex l-istess sentenza tigi esegwita minn din il-Qorti kompetenti ta' Malta bhala sentenza moghtija f'Malta.

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tordna l-esekuzzjoni ta' l-istess sentenzi moghtija fit-28 ta' April 2000 mill-High Court of Justice Family Division Principal Registery annessi u markati bhala Dok C u Dok D biex l-istanti jkun jista' jesegwixxi l-istess sentenza bhala sentenza moghtija f'Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minnissa biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta'  l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament hemm il-lis alibi pendens in kwantu l-mertu ta' din il-kawza huwa identiku ghal dak ta' kawza ohra fl-istess ismijiet bin-numru 77/2000(MM)

2. Illi in kwantu l-attrici giet quddiem din il-Qorti u permezz tal-kawza numru 77/2000 fuq imsemmija ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjonit aghha, meta talbet li tigi fdata lilha l-kura u l-kustodja din il-Qorti u l-Qrati Malti ad eskluzzjoni ta' kull Qorti ohra hi llum vestita bil-gurisdizzjoni li ghandu jkollha l-interess li t-tifla minuri tibqa' soggetta ghall-gurisdizjzoni taghha.  Ghalhekk issa hi l-Qorti Maltija li tinsab vestita b'din il-materja.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu din ic-citazzjoni hi ntiza biex tesegwixxi sentenzi ta' ribunali esteri, din ma tosservax il-provvedimenti ta' l-artiklu 826 u ghar-ragunijeit imsemmija fl-artikolu 827 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili m'ghandhiex u ma tistax tigi esegwita f'dawn il-gzejjer.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess decizjoni a bazi ta' l-Artikolu 12 tal-European Convention on Recognition and Enforcements of Decisions Concerning Custody of Children and on Restoration of Custody ofChildren 1980 mhix decizjoni esegwibbli skond din il-procedura izda skond il-Konvenzjoni, cioe' tkun esegwibbli skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni mill-Awtorita' Centrali Stabbilita that dik il-Konvenzjoni, mhux mill-Qorti Ordinarja.

5. Illi wahda mir-rekwiziti biex ordni bhal din tkun enforceable skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni hi "in the case of a decision given in the absence of the defendant or his legal representative, a document which establishes that the defendant was duly served with the document which instituted the proceedings or an equivalent document".  Tali dokumenti ghadu ma giex prodtt u l-inqas huwa producibbli.

6. Illi skond l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni l-eskuzzjoni ta' sentenza moghtija minn Qorti barranija tista' tigi rijutata jekk din tinghata fl-assenza tal-konvenut jekk the competence of the authority giving the decision was not founded:

i. on the habitual residence of the defendant;  or

ii. on the last common habitual residence of the child's parents, at least one parent being habitually resident there; or

iii. on the habitual residence of the child

1. illi in kwantu l-minuri ghandha intellett u kapaci tesprimi ruhha bl-iktar mod car u inekwivoku din l-Onorabbli Qorti ghandha anke tqis ix-xewqat taghha qabel ma tasal ghal decizjoni dwar din it-talba. Dan huwa konformi ma' dak dispost fil-Konvenzjoni fuq citata.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

Illi b'din l-istanza l-attrici qeghdha titlob lil din il-Qorti li tordna l-esekuzzjoni ta' gudikat moghti minn Qorti estera fit-28 ta' April tas-sena 2000 fil-konfront tal-konvenut wara li dan allegatament harab mill-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u gab lit-tifla minuri tieghu go Ghawdex minghajr awtorizazzjoni u permess kemm tal-Qorti kif ukoll ta' l-attrici.

Irrizulta mill-provi li l-partijiet ghad li ma kienux mizzewgin ghamlu zmien jghixu flimkien u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla, Holly Francesca Camilleri Satchell. F'April ta' din is-sena it-tifla kienet tinsab ma' l-omm gewwa l-Ingilterra u sar ftehim bejn il-partijiet li bih il-konvenut kien intitolat jiehu t-tifla mieghu ghal xi granet.

Irrizulta illi fil-25 ta' April il-konvenut cempel lill-attrici u infurmaha illi huwa kien jinsab go Ghawdex bit-tifla. Sadanittant, peress illi l-attrici irrealizzat illi kien ser ikun hemm xi differenzi bejn il-partijiet dwar il-kustodja tat-tifla, hadet passi sabiex tottjeni ordni mill-Qorti tar-Renju Unit dwar il-kustodja ta' din it-tifla, u fil-fatt fid-19 ta' April 2000, voldieri gurnata qabel mal-konvenut ha t-tifla mieghu, l-attrici pprezentat proceduri fil-Qrati Inglizi ghall-hrug ta' Residence Order rigward l-imsemmija minuri.

Meta imbaghad irrealizzat illi l-konvenut hareg il-minuri mill-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi dina talbet u ottjeniet gudikat fit-28 ta' April 2000 fejn gie ddikjarat illi l-hrug tat-tifla mir-Renju Unit kien wiehed illegali u l-Qorti Ingliza ordnat lill-konvenut illi jirritorna t-tifla lejn il-gurisdizzjoni ta' l-istess Renju Unit.

Peress illi l-konvenut u l-minuri ghadhom qeghdin jirrisjedu fil-Gzira ta' Ghawdex kif gia inghad l-attrici pprezentat din il-kawza sabiex tordna l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza imsemmija.

Il-konvenut, pero', qieghed jopponi din it-talba ghaliex skond hu l-procedura permezz ta' l-Artikolu 826 tal-Kap 12 ma giex esegwita, kwindi din il-Qorti ma setghetx tordna l-esekuzzjoni tad-decizjoni moghtija mir-Renju Unit. L-ilment tal-konvenut huwa principalment ghall-fatt illi huwa qatt ma gie notifikat formalment u del resto lanqas biss kien jaf bl-ezistenza tal-proceduri illi kienu gew inizjati mill-attrici fir-Renju Unit u din is-sentenza giet ottenuta ad insaputa tieghu minghajr ma huwa kellhu l-opportunita' jiddefendi lilu innifsu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ingliz fit-28 ta' April 2000 hija decizjoni ghal kull fini u effetti tal-Ligi. L-artikolu 826 tal-Kap 12 jghid testwalment illi

*"….. is-sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta, u li jkunu saru gudikat, jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta ……"*

Fil-waqt illi dan l-artikolu jitkellem biss dwar *"sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta"* l-gurisprudenza lokali ziedet kwalifika ghal dan il-kwezit tal-ligi. Fil-fatt f'kawza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Civili fis-26 ta' Awissu 1987 fl-ismijiet "Avukat Dr Albert Camilleri noe -vs- Thomas Cholmondry Waldron et" inghad fost affarijiet ohra illi

*"Huwa evidenti illi din il-Qorti ma kienitx ser tinjora ordni valida ta' Qorti estera kompetenti li tirrigwarda l-kura u kustodja ta' persuna ….."*

Il-kwalifika hija l-kelma <u>valida</u> illi jpoggi oneru fuq il-Qorti jassigura illi dik l-ordni moghtija mill-Qorti fl-estera hija validament moghtija u li l-principji tal-gustizzja naturali gew segwiti fil-kors tal-proceduri.

Forsi l-ahjar tifsira ta' dan l-Artikolu 827 inghata f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali fid-9 ta' Mejju 1994 fl-ismijiet "Dr Alfred Grech noe –vs- Charles Spiteri" fejn inghad li"

*"Il-koncett kollhu ghalhekk ta' l-Artikolu 827 jidher illi huwa immirat ghal dak illi jista' jew ma jistax isir fil-Qrati Maltin u mhux fil-Qrati esteri u jindika bl-aktar mod car illi legislatur irid ikun assigurat illi sentenza ta' Qorti kompetenti ta' barra minn pajjiz biex tigi esegwita hawn Malta trid biss mhux ma tmurx kontra l-ordni pubbliku ta' pajjizna imma trid almenu jkollha dawk l-elementi essenzjali li jirrendu sentenza ekwa u gusta skond l-artikli tal-procedura taghna….."*

Dan l-istess artikolu 827 jelenka c-cirkostanzi meta ordni ta' Qorti estera ma tistax tigi esegwita hawn Malta. Is-sub inciz (a) ta' l-istess Artikolu 827 jghid illi ordni m'ghandhiex tigi esegwita hawn Malta jekk is-sentenza illi taghha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811.

Dan l-ahhar artikolu jitkellem dwar ir-ritrattazzjoni ta' kawza u fost ir-ragunijiet isemmi illi kawza tista' tigi ritrattata *"jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa basta li din il-parti ghad illi ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza"* [811 (b)].

Dan jaghmel hafna sens ghax il-kuncett ta' *audi autiram partem* ma tkunx giet esegwita u s-sentenza ma tkunx ekwa u gusta skond l-Artikli tal-procedura taghna.

Irrizulta ampjament pruvat anke mix-xhieda ta' l-istess attrici li l-konvenut qatt ma kien jaf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri u minkejja li l-attrici kienet taf illi kien qed jirrisjedi fl-esteru qatt ma ghamlet applikazzjoni ghall-hatra ta' kuraturi biex jiehdu hsieb l-interessi tieghu.

Barra minn hekk ta' min jghid illi fiz-zmien illi l-attrici bdiet dawn il-proceduri gor-Renju Unit il-konvenut kien qieghed jirrisjedi hemmhekk f'indirizz ben not ghaliha izda mandankollu ma ghamlet xejn biex tipprova tinnotifika lill-konvenut f'din ir-residenza gor-Renju Unit. Dana almenu jiem qabel ma kienet taf illi l-konvenut kien gie lura lejn Ghawdex.

Minkejja li mid-dokumenti esebiti jidher illi hemm provvizjoni ghan-notifika ta' konvenut bhalma hemm provizjoni ghan-notifika ta' attur, fil-waqt illi tirrizulta n-notifika ta' l-attrici tramite l-avukati taghha dana ma jirrizultax fil-konfront tal-konvenut.

M'hemmx dubbju illi dan in-nuqqas ta' rigward ghad-drittijiet tal-konvenut jintitolawh ghal ritrattazzjoni skond l-Artiklu 811 tal-Ligi tal-Procedura taghna, peress illi l-principji tal-gustizzja naturali ma kienux gew osservati fil-konfront tieghu. Dan il-fatt jawtorizza lill-konvenut illi jopponi l-esekuzzjoni ta' din l-ordni moghtija mill-Qorti estera.

Fil-waqt illi din il-Qorti taghmilha cara illi mhix qed ticcensura l-operat tal-Qorti estera illi seta' kellha ragunijiet taghha ghaliex imxiet b'dan il-mod ma tistax ma taghtix ragun lill-konvenut li jhoss id-drittijiet bazici tieghu mhedda bin-nuqqas ta' notifika u l-ottjeniment ta' sentenza kontra tieghu minghajr ma kien jaf bl-esistenza tal-proceduri mibdija mill-attrici.

Li kieku din il-Qorti imxiet b'dan il-mod fil-konfront ta' xi parti f'kawza zgur illi s-sentenza taghha tkun tista' tigi attakkata b'success u l-ebda esekuzzjoni ma tkun tista' tigi ordnata.

Ghalhekk peress illi din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi s-sentenza moghtija fl-esteru fit-28 ta' April 2000 ma fihijiex *"dawk l-elementi essenzjali li jirrendu sentenza ekwa u gusta skond artikoli tal-procedura taghna"* mhux il-kaz illi tordna l-esekuzzjoni taghha bhal sentenza moghtija f'Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attrici bl-ispejjez kontra taghha.